Fid-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

Il-baħħara kollha għandhom joservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe ufficjal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211, 2537 u 2538

L-20 ta' Ottubru, 2026

Chart affected: BA 211

20th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 200 of 2026

Swimming event as part of a triathlon in Il-Bajja tas-Salina – 25th October, 2026

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Triathlon Malta will be organising the swimming event as part of a triathlon at Il-Bajja tas-Salina.

The swims will be held along the course A, B and C as shown in the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 56'.932	014° 25'.660
B	35° 57'.112	014° 25'.763
C	35° 57'.100	014° 25'.783

On Sunday, 25th October 2026, between 6.30 a.m. and 10.30 a.m.

A club RHIB 'S25336' and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through course A, B and C. For vessels whose moorings are within this area, they are to communicate with RHIB 'S25336' prior to entering or leaving the area and wait to be escorted accordingly.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on-site.

Charts affected: BA 211, 2537 and 2538

20th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 53 tal-2026

Taħriġ ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke – is-Sibt, 24 ta' Ottubru, 2026

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma li b'żieda ma'Avviż lill-Baħħara Nru 46 tal-2026, il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu taħriġ ta' sparar attiv nhar is-Sibt, 24 ta' Ottubru, 2026, fir-Ranges ta' Pembroke, bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m. (ħin lokali), bl-istess kundizzjonijiet bħal Avviż lill-Baħħara Nru 46 tal-2026.

Sécurité message se jiġi ppubblikat fuq VHF Channel 12, u/jew 16 minn Valletta VTS, skont dan.

Iż-żona tal-eżerċizzju (LM-D6) hija delinjata mis-settur ABC.

Mill-Pożizzjoni A

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*	
A	35° 55'.540	014° 28'.320	(punt ċentrali fuq l-art), raġġ ta' 4 mili nawtiċi għal punti,
B	35° 59'.460	014° 27'.150	u
C	35° 58'.290	014° 32'.190	

Il-limiti huma indikati fuq iċ-charts BA 194, 2537 u 2538.

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv, se jittajru bnadar ħomor (daqs approssimattiv 2.5m x 2m) mil-limiti tax-xatt. Wara nżul ix-xemx, minflok il-bnadar ħomor, se jkun hemm dwal ħomor u se jkun hemm żewġ bastimenti ta' sigurtà b'dwal blu fuq kull naħa, biex jindikaw il-limiti taż-żona. Il-baħħara huma mwissija biex iżommu mill-inqas 4 mili nawtiċi 'l bogħod mix-xatt meta jintlemħu l-bnadar jew il-bastiment tas-sigurtà.

Barra minn hekk, kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) u mill-Forzi Armati ta' Malta, għandha tiġi segwita b'mod strett.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

L-20 ta' Ottubru, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 53 of 2026

Live Firing Practice at Pembroke Ranges – Saturday, 24th October, 2026

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that further to Notice to Mariners No. 46 of 2026, the Armed Forces of Malta will carry out a live firing practice on Saturday, 24th October, 2026, at the Pembroke Ranges, between 7.00 a.m. and 4.00 p.m. (local time), with the same conditions as Notice to Mariners No. 46 of 2026.

A Sécurité message will be issued on VHF Channels 12, and/or 16 by Valletta VTS, accordingly.

The exercise area (LM-D6) is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*	
A	35° 55'.540	014° 28'.320	(centre point on land), a radius of 4 nautical miles to points,
B	35° 59'.460	014° 27'.150	and
C	35° 58'.290	014° 32'.190	

Limits are indicated on BA charts 194, 2537 and 2538.

During the live firing practice, red flags (approximate size 2.5m x 2m), will be flown from the shore limits. After sunset, instead of the red flags, there will be red lights and there will be two safety vessels with blue lights on each side, to indicate the limits of the area. Mariners are warned to keep, as a minimum, 4 Nautical miles off the coast when the flags or safety vessels are sighted.

Moreover, any instructions given on VHF Channels 12 and/or 16 by Valletta Port Control (Valletta VTS) and by the Armed Forces of Malta, are to be strictly observed.

Charts affected: BA 2538, 2537, 194

Positions referred to WGS 84 DATUM

20th October, 2026

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Mexxej ta' Proġett/Tim

Permess ta' Jobsplus 489/2016

L-Uffiċċju tas-CTO qed ifittex Mexxej ta' Proġett biex jappoġġja u jmexxi portafoll ta' inizjattivi strateġiċi li jinsabu fil-qalba tal-aġenda diġitali u teknoloġika tal-MITA. L-Uffiċċju tas-CTO jgħaqqad flimkien diversi funzjonijiet ewlenin, inkluż il-governanza tat-teknoloġija u d-data, l-iżvilupp tas-software u proġetti ta' implimentazzjoni tal-AI, il-liċenzjar tas-software u r-riċerka applikata.

Il-Mexxej tal-Proġett se jieħu r-responsabbiltà li jmexxi numru ta' proġetti f'dawn l-oqsma. Dan jinkludi l-ippjanar u l-kordinazzjoni tax-xogħol, il-gwida tat-timijiet tat-twassil, u l-iżgurar li r-riżultati jkunu allinjati mal-objettivi u l-istandards miftiehma. Bħala parti mill-istruttura tal-maniġment, il-Mexxej ta' Proġett/Tim ikun qiegħed jikkontribwixxi għat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-prijoritizzazzjoni, u t-titjib kontinwu ta' kif joperaw dawn il-funzjonijiet.

Ir-rwol jirrikjedi taħlita ta' ħiliet tekniċi u kapaċità ta' ġestjoni biex dawn il-proġetti jiġu mmaniġġjati b'mod effettiv. Għalhekk, il-kandidat magħżul għandu jkun komdu jinvolvi ruħu ma' kunċetti tekniċi, jifhem l-arkitetturi tas-sistemi, u jikkollabora mill-qrib mat-timijiet tekniċi biex jiżgura implimentazzjoni u integrazzjoni b'suċċess.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Imexxi proġetti u inizjattivi fid-diversi funzjonijiet tal-Uffiċċju tas-CTO;

Jippjana, jikkordina u jimmonitorja t-twassil tal-proġett biex jiżgura li l-objettivi, l-iskedi ta' żmien u l-istandards ta' kwalità miftiehma jintlaħqu;

Jaħdem mill-qrib mat-timijiet tekniċi, il-partijiet interessati fin-negozju, u l-maniġment biex jittraduċi l-prijoritajiet strateġiċi f'riżultati li jistgħu jitwasslu;

Jipprovdi tmexxija u direzzjoni lit-timijiet tal-proġetti, filwaqt li jrawwem il-kollaborazzjoni u r-responsabbiltà;

Jikkontribwixxi għall-ġestjoni u l-kordinazzjoni tal-funzjonijiet tal-Uffiċċju tas-CTO, inkluż il-prijoritizzazzjoni tax-xogħol u l-ippjanar tar-riżorsi;

Jappoġġja t-titjib kontinwu tal-prattiki tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-kunsinna fi ħdan l-Uffiċċju tas-CTO.

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Project/Team Leader

Jobsplus Permit 489/ 2016

The CTO Office is seeking a Project Leader to support and drive a portfolio of strategic initiatives that sit at the heart of MITA's digital and technology agenda. The CTO Office brings together several key functions, including technology and data governance, software development and AI implementation projects, software licensing and applied research.

The Project Leader will take responsibility for leading a number of projects across these areas. This includes planning and coordinating work, guiding delivery teams, and ensuring that outcomes align with agreed objectives and standards. Being part of the management structure, the Project/Team Leader will be contributing to decision-making, prioritisation, and the continuous improvement of how these functions operate.

The role requires a combination of technical skills and management ability to effectively manage these projects. Therefore, the successful candidate should be comfortable engaging with technical concepts, understanding system architectures, and collaborating closely with technical teams to ensure successful implementation and integration.

Key Responsibilities

Lead projects and initiatives across the various functions of the CTO Office;

Plan, coordinate, and monitor project delivery to ensure agreed objectives, timelines, and quality standards are met;

Work closely with technical teams, business stakeholders, and management to translate strategic priorities into deliverable outcomes;

Provide leadership and direction to project teams, fostering collaboration and accountability;

Contribute to the management and coordination of the CTO Office functions, including prioritisation of work and resource planning;

Support continuous improvement of project management and delivery practices within the CTO Office.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli jridu jissodisfaw waħda mill-għażliet li ġejjin f'termini ta' kwalifiki u/jew esperjenza f'qasam relatat mal-ICT:

i) Kwalifika fil-Livell 7 tal-MQF JEW ogħla; JEW

ii) Kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF u sena addizzjonali ta' esperjenza; JEW

iii) Kwalifika fil-Livell 5 tal-MQF u tliet snin addizzjonali ta' esperjenza; JEW

iv) Kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF u erba' snin oħra ta' esperjenza; JEW

v) Ħames snin ta' esperjenza.

Il-MITA għandha qafas strutturat għall-Progress tal-Karriera. Il-kandidati li jirnexxu jistgħu jiġu ingaġġati fil-pożizzjoni ta' Mexxej tal-Proġett f'wieħed mil-livelli li ġejjin skont il-kwalifiki, l-esperjenza u l-livell ta' kompetenza tagħhom kif determinat permezz tal-intervista: i) Livell Standard – Livell tal-Karriera 4; jew ii) Livell Anzjan – Livell tal-Karriera 5.

CV dettaljat, flimkien ma' ittra elettronika ta' introduzzjoni, kopji skennjati taċ-ċertifikati għandhom tintbagħtu sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2026, lil (careers.mita@gov.mt).

L-20 ta' Ottubru, 2026

Eligibility Requirements

Eligible candidates must satisfy one of the following options in terms of qualifications and / or experience in an ICT-related area:

i) A qualification at MQF Level 7 OR higher; OR

ii) A qualification at MQF Level 6 and an additional one year of experience; OR

iii) A qualification at MQF Level 5 and an additional three years' experience; OR

iv) A qualification at MQF Level 4 and an additional four years' experience; OR

v) Five years of experience.

MITA has a structured Career Progression framework. Successful candidates may be engaged in the position of Project Leader at either of the following levels depending on their qualifications, experience and competence level as determined through the interview: i) Standard Level – Career Level 4; or ii) Senior Level, Career Level 5.

A detailed CV, together with a covering email, scanned copies of certificates are to be sent by not later than Monday, 2nd November, 2026, to (careers.mita@gov.mt).

20th October, 2026

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa taż-0.25%
Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (III)

Skont u għall-finijiet ta' paragrafu 4 taċ-Ċirkolarijiet tal-Offerta ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern (i) tal-11 ta' Mejju, 2021 taħt Avviż Nru. 643 u (ii) tal-15 ta' Ġunju, 2021 taħt Avviż Nru. 819, it-Teżor javża li l-iStock kollu taż-0.25% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (III) li għandu valur nominali ta' €163,711,000 ser jinfeda b'parita` fit-18 ta' Novembru, 2026.

L-aħħar ħlas tal-imgħax dovut għall-perjodu bejn it-18 ta' Mejju, 2026 u s-17 ta' Novembru, 2026 (iż-żewġ dati inklużi) ser isir fid-data tal-fidwa tal-iStock nhar it-18 ta' Novembru, 2026 bir-rata ta' 0.125% lill-persuni kollha li fis-27 ta' Ottubru, 2026 ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock ir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Il-kapital ser jitħallas lura fit-18 ta' Novembru, 2026 lill-persuni kollha li fis-27 ta' Ottubru, 2026 ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

L-20 ta' Ottubru, 2026

TREASURY NOTICE

Redemption of the 0.25%
Malta Government Stock 2026 (III)

Pursuant to and for the purpose of paragraph 4 of the Offering Circulars published in the Government Gazette of the (i) 11th May, 2021 under Notice No. 643 and (ii) 15th June, 2021 under Notice No. 819, the Treasury hereby gives notice that all of the 0.25% Malta Government Stock 2026 (III) that is, €163,711,000 nominal will be redeemed at par on the 18th November, 2026.

The final interest payment covering the period from the 18 May 2026 to the 17th November, 2026 (both days inclusive) will be payable on the 18th November, 2026 at the rate of 0.125% to all the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 27th October, 2026.

The principal will be repaid on the 18th November, 2026 to all the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 27th October, 2026.

20th October, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar it-23 ta' Ottubru, 2026, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4161 bejn id-9.30 a.m. u s-2.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Volvo	XC60	Griż	DCS318	Tas-Sliema
Daihastu	Charade	Aħmar	JDAG100S000719481	Ħal Għaxaq
E-Kick	Kukurin	Iswed	12-2026-1	Ħal Luqa
E-Kick	Kukurin G"	Iswed	13.2026.1	Il-Marsa
Audi	A3	Abjad	HBJ185	Tas-Sliema
Piaggio	Vespa	Abjad	IBU557	San Ġiljan

L-20 ta' Ottubru, 2026

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li vettura ħadra tat-tip Hyundai Getz li kienet pparkjata għal perjodu twil fi Triq il-Boxxla, San Pawl il-Baħar, b'numru wieħed tar-reġistrazzjoni ABW889 imwaħħal u liċenzja skaduta mwaħħla, ġiet irmunkata fil-15 ta' Ottubru, 2026, u meħuda għand Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 23rd October, 2026, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4161 between 9.30 a.m. and 2.30 p.m., or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

20th October, 2026

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Towing of a Vehicle

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that a green vehicle of model Hyundai Getz which was parked for a long period in Triq il-Boxxla, St Paul's Bay, with one affixed registration number ABW889 and an affixed expired license, was towed on the 15th of October, 2026, and taken to Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for

ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat b'avviż legali ta' Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk is-sid tagħha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skreppjata.

L-20 ta' Ottubru, 2026

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI

Id-Dipartiment tal-Informazzjoni jgħarraf li kwotazzjonijiet elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sal-10.00 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru, 2026, għal:

Kwot. Nru. 01/2026 (PALG/GF/414661/2026). Servizzi fotografiċi għad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

L-20 ta' Ottubru, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

AŻ023/2026 Eurodesk Celebrating Together: End-of-Year Stakeholders Meeting: Venue and Event Facilities, Friday, 13th November, 2026 – Terms of Reference Issued by Aġenzija Żgħażagħ

Permezz tal-Erasmus+ Eurodesk, Aġenzija Żgħażagħ, qiegħda tilqa' sottomissjonijiet biex torganizza laqgħa għal madwar ħamsa u sebgħin (75) għaqda taż-żgħażagħ attivi sabiex tiċċelebra l-kisbiet tas-sena 2026, tirrikonoxxi l-premju Terramar li l-Aġenzija Żgħażagħ irċeviet bħala parti mill-programm Eurodesk 2026, u tiddiskuti l-ħtiġiet u l-aspirazzjonijiet tal-għaqdiet taż-żgħażagħ għas-sena d-dieħla.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/call/).

Kull min hu nteressat li jipparteċipa f'din is-sejħa ta' kwotazzjonijiet għandu jissottometti l-offerta finanzjarja VAT inkluża, permezz ta' ittra elettronika lil (sarah.spiteri@gov.mt) għall-attenzjoni ta' Sarah Spiteri sa mhux aktar tard minn 10.00 a.m. tal-Tlieta, 3 ta' Novembru, 2026.

eight days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 and Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

20th October, 2026

DEPARTMENT OF INFORMATION

The Department of Information notifies that an electronic quotation in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 10.00 a.m. (Central European Time) of Friday, 30th October, 2026, for:

Quot. No. 01/2026 (PALG/GF/414661/2026). Photographic services for the Department of Information.

Quotation documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

20th October, 2026

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

AŻ023/2026 Eurodesk Celebrating Together: End-of-Year Stakeholders Meeting: Venue and Event Facilities, Friday, 13th November, 2026 – Terms of Reference Issued by Aġenzija Żgħażagħ

Through Erasmus+ Eurodesk, Aġenzija Żgħażagħ, will host an end-of-year meeting for seventy-five (75) active youth organisations to celebrate the year's achievements, recognise the Terramar Award received under the Eurodesk Programme 2026, and discuss the needs and aspirations of youth organisations for the coming year.

More information can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website: (https://youth.gov.mt/call/).

Interested bidders must submit their expression of interest letter, which includes the financial package, by email to (sarah.spiteri@gov.mt) by 10.00 a.m. on Tuesday, 3rd November, 2026. The quoted prices must include VAT.

Is-sottomissjonijiet jiġu mgħarrfa minn Aġenzija Żgħażagħ li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien ġurnata ta' ħidma mis-sottomissjoni.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Sarah Spiteri bin-numru tat-telefown 9978 7255 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sat-3.00 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sarah.spiteri@gov.mt).

L-20 ta' Ottubru, 2026

Aġenzija Żgħażagħ will acknowledge the electronic submissions within one (1) working day from the submission date.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained from Sarah Spiteri by telephone number 9978 7255 from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 3.00 p.m., or by email to (sarah.spiteri@gov.mt).

20th October, 2026

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta tgħarraf illi:

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil Aquatic Resources Malta sa nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru, 2026, f'nofsinhar għal:

Kwot Nru ARM/AQUA 104/26/1. Provvista u konsenja ta' termostat diġitali elettroniku għall-kontroll tat-tisħin tal-akkwarju/tank bħala parti mill-EMFAF P2.438.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Il-fornituri interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika lil (procurement.arm@gov.mt) jew iċemplu fuq +356 2292 6900 sabiex jiksbu d-dokument tas-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

L-20 ta' Ottubru, 2026

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta, notifies that:

Quotations will be received by Aquatic Resources Malta up to noon on Friday, 27th October, 2026, for:

Quot No. ARM/AQUA 104/26/1. Supply and delivery of electronic digital thermostat for aquarium/tank heating Control as part of the EMFAF P2.438.

Documents are free of charge.

Interested suppliers are requested to send an email to (procurement.arm@gov.mt) or call on +356 2292 6900 to obtain the request for quotations document.

20th October, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2026.

ERU1510U26 – Medicinal
ERU1510U26A – Medicinal
ERU1510U26B – Medicinal
ERU1510U26C – Devices
ERU1510U26D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-20 ta' Ottubru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 21st October, 2026.

ERU1510U26 – Medicinal
ERU1510U26A – Medicinal
ERU1510U26B – Medicinal
ERU1510U26C – Devices
ERU1510U26D – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

20th October, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 22 ta' Ottubru, 2026.

ERU1610U26 – Medicinal
ERU1610U26A – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-20 ta' Ottubru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 22nd October, 2026.

ERU1610U26 – Medicinal
ERU1610U26A – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

20th October, 2026

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru, 2026, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu applikazzjonijiet għal:

Provvista ta' servizzi ta' ġardinaġġ għall-Kunsill Lokali Ħal Safi, skont id-dokument SFI 51 – 01/2026. Id-dokumenti għal din l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali waqt il-ħinijiet normali tal-uffiċċju.

L-20 ta' Ottubru, 2026

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

Call for applications will be received at the Local Council's Administrative Offices up to noon of Tuesday 3rd November, 2026, for:

Provision of gardening services for the Ħal Safi Local Council, in accordance to Document SFI 51 – 01/2026. Documents can be collected from the Administrative Local Council's Office during normal working hours.

20th October, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2736

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Ottubru, 2026 (Rikors numru 108/2026) rikors ta' Daniel Farrugia et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Lewis Farrugia, żewġ Rita Farrugia, bin Joseph Farrugia u Rose Farrugia née Zammit, imwieled ir-Rabat, Għawdex, fil-11 ta' Jannar, 1956, u miet ir-Rabat, Għawdex, fit-22 ta' Jannar, 2026 (KI 4956G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' martu Rita Farrugia (KI 46860G) fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u favur uliedu Daniel Farrugia (KI 35889G) u Brian Anthony Farrugia (Liċenzja tas-Sewqan Awstraljana numru 084033406) fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 15th of October, 2026 (Application number 108/2026) by Daniel Farrugia et, the opening of the succession was requested of Lewis Farrugia, husband of Rita Farrugia, son of Joseph Farrugia and Rose Farrugia née Zammit, born in Victoria, Gozo, on the 11th January, 1956, and died in Victoria, Gozo, on the 22nd January, 2026 (ID 4956G), which opening of succession is to be made in favour of his wife Rita Farrugia (ID 46860G) in the quota of half (1/2) undivided share and in favour of his children Daniel Farrugia (ID 35889G) and Brian Anthony Farrugia (Australian driving licence number 084033406) in the quota of one fourth (1/4) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in

sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Ottubru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 15th of October, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2737

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 59/2026 FG fl-ismijiet 'Louise Camilleri vs Jean Pierre Camilleri et', ippreżentat fir-Reġistru fil-Qorti ta' Għawdex fid-19 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Jean Pierre Camilleri (karta tal-identità numru 3989G) bl-indirizz Cardiff, Triq it-Telegrafu, In-Nadur, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' kull minn jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Rikors numru 59/2026 (FG)

Louise Camilleri (KI 31176G)

vs

Jean Pierre Camilleri (KI 3989G)
Citadel Insurance plc (C21550)

Rikors Ġuramentat ta' Louise Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numri 31176G, ta' Sapphire, Triq il-Ħamrija, Ix-Xewkija

It is hereby notified that by a decree issued on the 12th of October, 2026, by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, in the acts of Sworn Application number 59/2026 FG in the names 'Louise Camilleri vs Jean Pierre Camilleri et', filed in the Registry of the Court of Gozo on the 19th of May, 2026, the publication of the extract reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with regard the defendant Jean Pierre Camilleri (ID card number 3989G) residing at Cardiff, Triq it-Telegrafu, Nadur, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In The Court Of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

The person served with this sworn application must file a sworn reply within twenty (20) days from the date of service, that is from the date of receipt. If a written sworn reply is not filed within the specified timeframe, as required by law, the Court will proceed to deliver its decision in accordance with the law. It is therefore in the interest of anyone receiving this sworn application to consult a lawyer without delay, ensuring that the Court hears their side of the case.

Application number 59/2026 (FG)

Louise Camilleri (KI 31176G)

vs

Jean Pierre Camilleri (KI 3989G)
Citadel Insurance plc (C21550)

Application of Louise Camilleri, holder of identity card number 31176G, of Sapphire, Triq il-Ħamrija, Xewkija

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi nhar is-17 ta' Ottubru, 2023, waqt li l-intimat Jean Pierre Camilleri kien qiegħed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numri ta' reġistrazzjoni GBL061 fi Triq Ta' Ħamet, ix-Xewkija, drabi oħra indikata bħala Triq ir-Rabat, in-Nadur, huwa tajjar lill-attriċi u kaġun ta' hekk hija qed issofri diversi debilitajiet permanenti;

2. Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tal-intimat Jean Pierre Camilleri illi saq b'mod imprudenti u perikoluż, kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi l-istess Jean Pierre Camilleri kien assigurat mal-kumpanija intimata Citadel Insurance plc;

4. Illi b'konsegwenza ta' tali inċident, ir-rikorrenti ġarrbet ġrieħi gravi fuq il-persuna tagħha u sofriet diżabbiltà permanenti ta' 18%, hekk kif iċċertifika l-psikjatra Dott. Joseph Spiteri, permezz tar-Rapport anness u mmarkat bħala Dok. 'B' oltre 11% hekk kif iċċertifikat mill-Orthopaedics Surgeon Mr Vasileios Tzimas anness u mmarkat bħala Dok. 'Ċ');

5. Illi għalhekk, b'konsegwenza tal-inċident de quo, ir-rikorrenti sofriet danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi permezz ta' sentenza tat-13 ta' Jannar, 2025, l-intimat Camilleri nstab ħati talli nhar is-17 ta' Ottubru, 2023, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija fi Triq ir-Rabat, in-Nadur, Għawdex, saq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBL 061 b'manjiera traskurata u b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa u minħabba f'hekk Louise Camilleri bagħtiet offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tagħha mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 u ta' dan ġie kkundannat għal €1,000 multa kif ukoll xahrejn sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan;

7. Illi minkejja interpellata sabiex tersaq għall-ħlas u likwidazzjoni tad-danni sofferti, l-intimati baqgħu inadempjenti;

8. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Jean Pierre Camilleri kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku

Respectfully states, and confirms under oath:

1. That on the 17th of October, 2023, while the respondent Jean Pierre Camilleri was driving a Toyota vehicle with registration number GBL061 along Triq Ta' Ħamet, Xewkija, also referred to as Triq ir-Rabat, Nadur, he struck the plaintiff, as a result of which she is suffering from various permanent impairments;

2. This incident occurred solely due to the negligence, carelessness, lack of skill, and failure to observe traffic regulations on the part of the respondent Jean Pierre Camilleri who drove in an imprudent and dangerous manner, a fact that will be proven during the proceedings of this case;

3. The said Jean Pierre Camilleri was insured with the respondent company, Citadel Insurance plc;

4. As a consequence of this incident, the plaintiff sustained serious bodily injuries and suffered a permanent disability of 18%, as certified by the psychiatrist Dr Joseph Spiteri, in the attached report marked as Doc. 'B'in addition to 11% as certified by the orthopaedic surgeon Mr. Vasileios Tzimas in the attached report marked as Doc. 'C'.

5. That, consequently, as a result of the incident in question, the plaintiff suffered damages consisting of damnum emergens and lucrum cessans, as will be demonstrated during the proceedings of the case;

6. That, by a judgment of the 13th of January, 2025, the defendant Camilleri was found guilty of having on the 17th of October, 2023, at approximately eight o'clock in the evening, in Triq ir-Rabat, Nadur, Gozo, driven a Toyota vehicle bearing registration number GBL 061 in a careless manner or through a lack of prudence, negligence, lack of professional skill, or failure to observe regulations thereby causing burning or damaged something, as a result of which Louise Camilleri sustained a grievous bodily injury excluding the specific consequences enumerated in Article 218 of Cap. 9 and for this, he was sentenced to a fine of €1,000 and a two-month suspension of his driving licence;

7. That, despite being called upon to settle and liquidate the damages suffered, the defendants have remained in default;

8. That the plaintiff has personal knowledge of these facts, and for this reason, this lawsuit has been instituted.

Accordingly, for the reasons set out above, the plaintiff humbly requests this Honourable Court to:

1. To declare and rule that Jean Pierre Camilleri was solely responsible for the aforementioned vehicular accident

fuq imsemmi li seħħ nhar is-17 ta' Ottubru, 2023, u għad-danni kollha li r-rikorrenti sofriet b'konsegwenza ta' dan l-inċident;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 29 ta' Lulju, 2025 (520/2025) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

(ft) L-Av. Larry Formosa, Cosyra Legal, The Brokerage, Lv 4, Triq Santa Marta, Ir-Rabat, Għawdex

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 16 ta' Ottubru, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

which occurred on the 17th of October 2023 and for all damages suffered by the plaintiff as a consequence of this accident;

2. To liquidate all damages suffered by the plaintiff, if necessary through the appointment of experts; and

3. To order the defendants, or whichever of them is liable, to pay the plaintiff the sum so liquidated.

With costs, including those of the judicial letter dated the 29th of July, 2025 (520/2025) and legal interest up to the date of actual payment, against the defendants, who are hereby summoned for their oath.

(sgd) Adv. Larry Formosa, Cosyra Legal, The Brokerage, Lv 4, Triq Santa Marta, Victoria, Gozo, Għawdex

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 16th of October, 2026

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2738

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni tal-Kummerċ), fit-22 ta' Mejju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 36/2026 ISB, fl-ismijiet: GVZH Services Ltd noe vs SBTech Malta Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: GVZH Services Limited (C75019), inrappreżentanza tal-kumpanija Caspian Tech CJSC (detenriċi tan-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-Ażerbajġan 1501570771) vs SBTech Malta Limited (C73364) u Reġistratur tal-Kumpaniji, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni tal-Kummerċ), fit-30 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li jeżistu raġunijiet biżżejjed għaliex il-kontinwazzjoni ta' SBTech Malta Limited (C73364) barra minn Malta ma għandhiex isseħħ, u dan skont ir-Regolament 15(2) tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni tal-Kumpaniji (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.06);

2. Tilqa' l-oppożizzjoni tas-soċjetà attriċi u tiddikjara l-kontinwazzjoni ta' SBTech Malta Limited (C73364) barra minn Malta ma għandhiex isseħħ, u dan skont ir-Regolament 15(2) tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni tal-Kumpaniji (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.06);

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (commercial Section), on the 22nd May, 2026, in the records of the Sworn application number 36/2026 ISB, in the names: GVZH services Ltd noe vs SBTech Malta Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: GVZH services Limited (C75019), in representation of the company Caspian Tech CJSC (holder of the Azerbaijani tax identification number 1501570771) vs SBTech Malta Limited (C73364) and Registrar of companies, filed in the Civil Court, First Hall (commercial Section), on the 30th March 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Declare that there exist sufficient reasons why the continuation of SBTech Malta Limited (C73364) outside Malta should not take place, and this according to regulation 15 (2) of the Continuation of Companies Regulations (subsidiary legislation 386.06);

2. Accept the opposition of the plaintiff company and declare the continuation of SBTech Malta Limited (C73364) outside Malta should not take place, and this according to regulation 15(2) of the continuation of companies Regulations (subsidiary legislation 386.06);

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex ma jagħtix il-kunsens tiegħu lil SBTech Malta Limited (C73364) biex din titkompla bħala kumpanija barra minn Malta ai termini tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni tal-Kumpaniji (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.06);

4. Alternativament, tordna li fl-eventwalità li SBTech Malta Limited (C73364) tagħti sigurtà biżżejjed lis-soċjetà attriċi skont ir-Regolament 15(2) tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni tal-Kumpaniji (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.06), u dan fl-ammont u fil-forma li din il-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa, il-kontinwazzjoni ta' SBTech Malta Limited (C73364) barra minn Malta għandha sseħħ biss wara li tingħata din is-sigurtà;

5. Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex ma jagħtix il-kunsens tiegħu lil SBTech Malta Limited (C73364) biex din titkompla bħala kumpanija barra minn Malta ai termini tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni tal-Kumpaniji (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 386.06) sakemm ma tkunx ingħatat sigurtà biżżejjed lis-soċjetà attriċi kif ordnata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex isseħħ tali tkomplija.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 36/2026 ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: SBTech Malta Limited (C73364), 4, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Ottubru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Order the Registrar of companies not to give his consent to SBTech Malta Limited (C73364) to continue as a company abroad in terms of the continuation of companies Regulations (subsidiary legislation 386.06);

4. Alternatively, order that in the event that SBTech Malta Limited (C73364) gives security 'sufficient to the plaintiff company according to regulation 15 (2) of the continuation of companies Regulations (subsidiary legislation 386.06), and this in the amount and form that this Honourable Court deems fit, the continuation of SBTech Malta Limited (C73364) outside Malta shall take place only after this security is given';

5. Order the Registrar of companies not to give his consent to SBTech Malta Limited (C73364) so that it be continued as a company outside Malta in terms of the continuation of companies Regulations (subsidiary legislation 386.06) unless sufficient security was given to the plaintiff company as ordered by this Honourable Court for such continuation to take place.

With costs and legal interest against the respondent company which is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn application number 36/2026 ISB in the names mentioned above is postponed to the 30th October, 2026, at 9.30 a.m.

Notification: SBTech Malta Limited (C73364), 4, Triq Sant'Andrija, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 16th October, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2739

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-4 ta' Ġunju, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 349/2026RM, fl-ismijiet: Food Mania Limited vs Calarco Roby ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Food Mania Limited (C62485) vs Calarco Roby (55086A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' April, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimat huwa debitur tas-soċjetà esponenti għas-somma ta' sebgħa u tletin elf, mitejn

